MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru 318/2009

PULIZIJA
SPETTUR FABIAN FLERI
VS
SAVIOUR CACHIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Saviour Cachia, iben Anthony u Vincenza nee' Schembri, imwieled Pieta' nhar l-31 ta' Mejju 1981, residenti Windsor Court Flat 1 Triq Sant' Anna Marsaskala u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 271481(M).

Illi huwa akkuzat talli bejn l-18 ta' Marzu 2009 ghall-habta ta' bejn 16:00hrs u 18:00hrs minn gewwa Windsor Court Flat 4 Triq Sant' Anna, Marsaskala kkommetta serq ta' diversi affarijiet li l-valur taghhom jeccedi il-232.94 Euro (Lm100) izda ma jeccedix il-2329.4Euro (Lm1000) ghad dannu ta' Paul Zammit, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Malta) datata 23 ta' Gunju 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.11) u dak ta' l-imptuat (a fol.14) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 28 ta' Mejju 2009 (fol.12);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat **Saviour Cachia**, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 279, 280 u 281 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7, 22 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Probation Services illi l-Probation Officer Carmen Nygaard gia' kienet nominata bhala Probation Officer ta' l-imputat u jkun ghaqli li tkompli l-inkarigu taghha.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li r-res furtiva giet irritornata lill-kwerelant u l-eta' giovanili ta' l-imputat.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------